**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A53/11

17 ta' Marzu 2011

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/53**

Il-laqgħa tal-Kunsill ser issir it-**Tlieta 22 ta' Marzu 2011, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' l-Expression of Interest – *Accountant*
6. Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2010
7. *Update* ta' *Tenders GLC001/2010 Resurfacing Works - GLC002/2010 Mixed Household Waste –GLC003/2010 Public Private Partnership*
8. Affarijiet oħra
9. Laqgħa oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

Marion Monaco
D/Segretarju Eżekuttiv

`

# Kunsill Lokali Gżira

18 t' April 2011

Ref Nru.Klg5/053

Minuti tal-laqgħa Nru Klg5/53 li saret it-Tlieta 22 ta' Marzu 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

**Preżenti**

Sitt membri tal-Kunsill li kienu, s-Sindku Chris Bonett, l-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela, Anthony Grech, Malcolm Camilleri u Victor Rutter flimkien mad-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużat**

Il-Kunsillier Ian Micallef minħabba mpenn ta' safar fuq xogħol tal-Kunsilli Lokali.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fis-17 ta' Marzu 2011.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa Klg5/53 tat-22 ta' Marzu 2011, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.1.1** Iċ-*Chairman* ressaq emenda f'paġna Nru: 5 fil-paragrafu ta' qabel ta' l-aħħar u li jrid jinqara kif ġej:

'Iċ-*Chairman* qal, li f'dan l-istadju, l-Kunsill irid jieħu żewġ deċiżjonijiet

- jekk jiskwalifikax lid-ditta Bonnici Bros Ltd għaliex ma meliex il-*B.O.Q.* kollha

Huwa kompla jgħid li skont kif ikun ir-riżultat ta' l-ewwel deċiżjoni, l-Kunsil irid jiddeċiedi

- min ser jirbaħ il-kuntratt'

Din l-emenda ġiet ssekondata mill-Viċi-Sindku.

Il-minuti ġew approvati kif emendati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

**1.1.2** Daħal għall-laqgħa s-Sur Mifsud – *Pastor Bible Baptist Church*

Inqrat ittra mibgħuta mill-Avv. Graziella Bezzina dwar sit vakanti li hemm fi Triq Reggie Miller li jagħti għal Triq Madonna tal-Ġebla, fl-liema sit, huwa propost li jsir taraġ biex jgħaqqad iż-żewġ toroq hawn fuq imsemmija sabiex b'hekk l-aċċess ikun aktar faċli għall-*pedestrians* li jagħmlu użu minn dawn it-toroq. It-talba kienet li ssir l-applikazzjoni ma' l-Awtoritajiet relevanti sabiex dan it-taraġ jinbena.

Il-Viċi-Sindku qal, li t-taraġ huwa neċessita' mhux biss għar-residenti u nies li preżentament jagħmlu użu mill-*area* iżda wkoll, għal dawk tal-futur partikularment, jekk il-Gvern ikompli fuq il-pjan tiegħu għall-iżvilupp ta' l-isptar *Zammit Clapp*

Iċ-*Chairman* qal, li hu fl-interess tal-Kunsill li jissapportja din il-materja u li jiġi kostruwit dan it-taraġ għall-benefiċċju tal-Komunita'.

Wara din id-diskussjoni, l-Kunsill qabel unanimament li għandna niktbu lid-Dipartiment għall-Immaniġjar ta' l-Artijiet dwar din il-materja.

Is-Sur Mifsud irringrazzja lill-Kunsill għas-support tiegħu u għax-xogħol li sar fil-pjazza ta' quddiem il-*Bible Baptist Church*, li nkluda r-*reserved parking* u l-*parking bays.*

## 2. Materji Konnessi

**2.1. Paġna Nru: 3 para 9.1. –** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Perit kien għadu ma nħatarx.

**2.2. Paġna Nru: 8 para 2.1.** – Il-Kunsillier Anthony Abela qal, li kienet saret laqgħa mas-Sur Joe Gregoraci għan-nom tal-Korporazzjoni għas-

Servizzi ta' l-Ilma fejn il-Kunsill informa bl-intenzjoni tiegħu u cioe', li l-*water main* li għaddej mill-*culvert* jitneħħa sabiex sussegwentament, tiġi ndirizzata l-problema tal-*culvert.* Huwa kompla jgħid, li s-Sur Gregoraci kien qallu li l-*WSC* kienet disposta li jitneħħa l-*main* kif ukoll, offra s-servizz ta' l-Inġ Ronald Pace sabiex dan ta' l-aħħar jispezzjona l-*culvert* b'*CCTV*.

Għalhekk, il-Kunsillier Anthony Abela għandu jagħmel kuntatt ma' l-Inġ Ronald Pace sabiex issir din l-ispezzjoni.

**2.3. Paġna Nru: 9 para 3.10 –** Rigward il-laqgħa li saret il-*MEPA* dwar in-*National Flood Relief – PA 4926/2010* kien attenda l-Inġinier u rappreżentant tal-Perit li mir-rapport tagħhom irriżulta, li s-sitwazzjoni baqgħet kif kienet.

**2.4. Pagna Nru: 11 para 6.1. –** Il-Kunsillier Anthony Abela ta' rendikont ta' l-ilment li kien hemm fi Triq l-Immakulata Kunċizzjoni u l-laqgħa li kellu mad-ditta *R.S.L.* u x-xogħol kien ġie spezzjonat minn rappreżentant tal-Perit.

Iċ-*Chairman* qal, li kien qed jitlob formalment lill-Kunsill Lokali sabiex tintbagħat ittra lill-Perit Joe Bugeja li l-Kunsill kien qed jesiġi li hu personalment irid jagħmel l-ispezzjonijiet fuq ix-xogħlijiet tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**2.5. Paġna Nru: 11 para 10.1. –** Il-Kunsill ġie nfurmat li ħadd ma kien attenda għall-laqgħa tal-lokalita'

## 3. Korrispondenza

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sat-22 ta' Marzu 2011 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom:

**3.3.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku għaż-żewġ talbiet li tressqu sabiex jitwaħħlu żewġ mirja, waħda fuq *pole* faċċata tal-bini l-ġdid fi Triq Reggie Miller k/ma' Triq D'Argens u oħra fuq *bracket* faċċata tal-*Housing Estate* mal-bini ta' ħanut magħluq fi Triq Gżira.

**3.4.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman,* ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li żewġ membri tal-Kunsill u cioe', s-Sindku u l-Viċi-Sindku ser jattendu għall-*18th ECAD Mayors' Conference* li ser issir bejn it-12 u l-14 ta' Mejju 2011, f'Varna Bulgaria u fin-nuqqas tas-

Sindku, jinħatar rappreżentant ieħor mill-Kunsill u dan minħabba l-fatt, li l-Sindku kien għad irid jivverifika d-disponibilta' tiegħu.

**3.5.** B'referenza għax-xogħlijiet ta' tranġar u tisbieħ li qed isir fuq iz-zuntier tal-Knisja tal-Parroċċa, l-Kappillan Dun Karm Tanti esprima xewqa ma' dan il-Kunsill Lokali sabiex isiru *planters* fuq l-istess zuntier.

Għaldaqstant, minħabba l-fatt li skont *Memo 65/2009*,l-Kunsill ma jistax jagħti donazzjonijiet kemm fi flus kif ukoll, mhux fi flus, formalment ressaq din it-talba lill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali liema Ministeru ma laqax din it-talba minħabba li x-xogħlijiet kollha ammontaw għal xejn anqas minn €200,000.

Il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Anthony Abela qalu li fl-opinjoni tagħhom il-*planters* li d-ditta *ELC* kienet għamlet fix-Xatt Gżira, jiġu trasferiti temporanjament fuq iz-zuntier.

Iċ-*Chairman* qal, li hu kien tal-fehma li jagħmel kuntatt ma' l-Avukat Ronald Cuschieri (*ELC*) sabiex tiġi evalwata l-possibbilita' li l-*Consortium* jgħin f'din il-materja.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament mal-proposta taċ-*Chairman.*

**3.5.1.** Il-Kunsill ma laqax it-talba tal-Kappillan li la ssir *drop kerb* fuq il-bankina u lanqas *pedestrian crossing* quddiem iz-zuntier tal-Knisja.

**3.6.** Iċ-*Chairman* u l-Viċi-Sindku kkonfermaw li kienu ser jattendu għall-laqgħa tas-Sindki li ser issir bejn l-20 u l-21 ta' Mejju 2011 fil-Lukanda *Dolmen*, Qawra u rigward *e-mail* mibgħuta mill-*AKL* fejn kienet qed titlob suġġerimenti, proposti u kummenti sabiex ikomplu jittjiebu dawn il-laqgħat, il-Viċi-Sindku qal, li hu kien ser iressaq proposta biex jiġu rimburżati spejjeż relatati bħal meta jkollhom jitilgħu għall-laqgħat Għawdex.

**3.7.** It-talba tal-*Happy Days Childcare Centre* għal *drop off/pick up parking bay* biex tintuża mill-ġenituri li jagħmlu użu miċ-*Childcare Centre* hawn fuq imsemmi, ma ġietx milqugħa

**3.8.** A bazi tat-talba ta' Nadia Mattocks dwar l-istat tat-triq u l-bankini fi Triq Cuschieri, l-Kunsillier Anthony Abela kien ser jagħmel *site-inspection.*

**3.9.** Inqraw kemm l-ittra li ntbagħtet mit-Transport Malta datata 18 ta' Frar 2011 kif ukoll, ir-rakkomandazzjoni tal-Perit dwar l-istat perikoluż ta' Triq Emanuele Giordano minħabba l-fatt, taż-żlieq fil-wiċċ tat-triq.

**3.10.** Il-Kunsill qabel unanimament li ma jsib ebda oġġezzjoni sabiex tiġi nstallata *billboard* mid-ditta *Panel Pix* fi Triq ix-Xatt ħdejn *Manoel Island bridge* sakemm din id-ditta tippreżenta l-permessi kollha meħtieġa.

**3.11.** Inqrat ittra mibgħuta mid-ditta *Information Technology Services Ltd* rigward rati ġodda dwar is-*Software Support Agreement*.

**3.12.** Il-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni għall-applikazzjoni għar-*reserved parking* fi Triq Manoel de Vilhena f'isem is-Sinjura Mary Anne Gera.

**3.12.1** Il-Kunsill ġie nfurmat mit-*Transport Malta* li ġiet rifjutata t-talba għall-*Un/Loading bay* mid-ditta *Technoline* fi Triq Edgar Bernard.

**3.12.2** Tressqet approvazzjoni mit-*Transport Malta* għal *reserved parking* fi Triq Sir Hilderbrand Oakes.

**3.13.** Il-Kunsill informa dwar korrispondenza relatata mal-*Management Letter* mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-*N.A.O.*

**3.14.** Il-Kunsill ġie nfurmat li t-talba għall-estenzjoni tal-*financial statements* ma ġietx milqugħa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**3.15.** Inqrat l-ittra mibgħuta mill-Ministeru tal-Finanzi, Taqsima Propjeta' tal-Gvern dwar id-devoluzzjoni tas-sit fi Triq Dr. Guze' Miceli u r-risposta tal-Kunsill, li ġiet approvata unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Grech.

**3.16.** Id-D/Segretarju Eżekuttiv infurmat li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 3. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru: 2184 sa Nru: 2227 (ara *appendix* Nru: 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill:

- Kumitat Festi Esterni €200.00
- Nofs l-ammont (€476.72) tad-ditta *Jacksons Co. Ltd*. dwar il-*compliance certificate* €238.00
- *ECAD membership fee 2011* €200.00
- *Insurance Policies* €2,299.30

**4.3.** Wara diskussjoni qasira, ir-*Request Sheets* minn Nru: 2184 sa Nru: 2227 u dawk elenkati f'para 4.2., ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**5. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' l-*Expression of Interest – Accountant***

**5.1.** Erba' kienu s-sottomissjonijiet dwar is-suġġet hawn fuq imsemmi li kienu:

*JCA Ltd* - €2,973.60 p.a. vat inkluża u *CPA warrant* No: 480103A

Joseph E. Scerri - €3,420.00 p.a. vat inkluża u €25.00 għal kull xogħol *ad hoc* u kopja tas-*CPA warrant*.

Amanda Grima - €13.75 per hr – vat inkluża u *lump sums can be preset* jiddependi mix-xogħol. *CPA warrant* m'għandiex minħabba li kienet għad trid tagħmel xi eżamijiet aktar tard din is-sena.

Din l-informazzjoni ntbagħtet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u r-risposta kienet, li din l-applikazzjoni ma tistax tiġi proċessata minħabba li ma kienetx tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-*Expression of Interest* liema speċifikazzjonijiet kienu nklużi f'*Memo 150/2010* maħruġa mid-Dipartiment hawn fuq imsemmi.

Louiselle Pace Gouder – din l-applikazzjoni ma ġietx aċċettata minħabba li waslet wara d-data ta' l-għeluq li kienet 18 ta' Frar 2011

A bazi tal-minuti mressqa (ara *Appendix* Nru: 2) u d-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman,* ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri li tintgħażel id-ditta *JCA Ltd* għall-ammont ta' €2,973.60 per annum VAT inkluża u l-kuntratt jiġi mġedded kull sena, għar-raġunijiet li minkejja li kienet l-orħos offerta teżawrixxi r-rekwiżiti kollha ta' l-*Expression of Interest.* Għalhekk, għandha tintbagħat il-*Letter of Acceptance*.

**6. Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2010**

**6.1.** Il-Kunsill qabel unanimament mar-rapport amministrattiv b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

**7. *Updates* ta' *Tender GLC001/2010 – Resurfacing Works – Tender GLC002/2010 - Mixed Household Waste – Tender GLC/2010 – Public Private Partnership***

**7.1.** *Tender GLC001/2010* – il-Kunsillier Anthony Abela kien diġa' tkellem dwarha f'para 2.4 ta' dawn il-minuti.

**7.1.1** *Tender GLC002/2010* – Il-Kunsill kien għadu ma rċieva ebda risposta.

**7.1.2** *Tender GLC003/2010* – A bazi ta' l-ittra li l-Kunsill kien irċieva mingħand id-Direttur Carmel Abela tad-DLG, il-Kunsill għandu jipproċedi bl-ittra tad-deċiżjoni tal-Kunsill liema ittra (li għandha tintbagħat liż-żewġ sottomettenti) inqrat waqt il-laqgħa u ġiet approvata unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri.

## 8. Affarijiet Oħra

**8.1.** Tressaq it-*tender document* tal-bankini. In vista tal-fatt, li t-*tender document* mħejji hu bil-*brushed concrete* filwaqt, li t-talba sottomessa lill-*U.I.F.* kienet bil-*paving blocks*, il-Kunsill qabel unanimament, li l-Viċi-Sindku flimkien mal-Perit tal-Kunsill, għandhom jieħdu ħsieb li jottjenu l-approvazzjoni neċessarja minn dan il-*board* biex isiru bil-*concrete paving*.

**8.2.** Il-Viċi-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġi nstallat arblu fil-Ġnien biex tibda titħaddem il-*WIFI System.*

Il-Kunsill qabel unanimament.

**8.3.** Il-Kunsillier Anthony Abela ta' rendikont ta' l-*on site inspection* li kellu mal-Kumitat Festi Esterni dwar tħaffir ta' 14 -il toqba fix-Xatt. Għaldaqstant, il-Kunsill għandu jitlob kwotazzjoni kemm mingħand id-ditta *J&K. Contractors Ltd* kif ukoll, mingħand id-ditta *J.F. Mallia Ltd.*

## 9. Laqgħa Oħra

**9.1.** Iċ-*Chairman* informa li kien ser ikun imsiefer bejn l-24 u t-30 ta' Marzu 2011 filwaqt, li l-Kunsillier Malcolm Camilleri kien ser ikun imsiefer bejn it-30 ta' Marzu u t-3 t'April 2011.

**9.2.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-7.20 p.m. u ġiet aġġornata għat-Tnejn 18 t' April 2011, fil-5.30 p.m.

Dott Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

Marion Monaco
D/Segretarju Eżekuttiv

Gżira Local Council

**Ref No: K040/119/11**

**22 March 2011 KLG5/53**

| R/Sheet No: | Description | € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 2184 | GO plc inv. 25154931 – tel No: 21322157 calls January rent February 2011 | 56.93 | 7021 |
| 2185 | GO plc inv.25154283 – tel No: 21341616 calls January rent February 2011-03-21 | 19.79 | 7022 |
| 2186 | GO plc inv. 25154273 – tel Nos: 21341034 - 21334254 calls Jan. Rent Feb 2011 | 75.42 | 7023 |
| 2187 | Clifford Vella inv. No: 36/11 Books for Public | 13.90 | 7024 |
| 2188 | Melita plc inv. No: 29892050 Hello Services & Usage tel No: 27013021 (08.01.- 07.02.11) | 322.36 | 7025 |
| 2189 | D.O.I. Advert Locality Call 09.03.2011 | 9.32 | 7037 |
| 2190 | C Three Aluminium Ltd – Notice Board for Public Library | 105.15 | 7038 |
| 2191 | Pace & Mercieca Invoice 687480 Act. Centre | 24.23 | 6992 |
| 2192 | Squire Bookshop inv No: 8740 n/papers February 2011 | 40.00 | |
| 2193 | E.L.C. invoices No: 006962 Maint of Soft Areas February 2011 | 2212.92 | |
| 2194 | G4S Security Services (Malta) Ltd. C.I.T. inv. No: GS002077 February 2011 | 30.44 | |
| 2195 | S.R.F. Cleaning Serv. Inv. No: 10/1826 Street Sweeping-g/cutting-m/sweeper January 2011 | 4627.29 | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2196 | S.R.F. Cleaning Serv. Inv. No: 10/1827 Cleaning Services on Sundays – January 2011 | 378.52 | |
| 2197 | S.R.F. Cleaning Serv. Inv. No: 10/1833 Cleaning Services on Sundays – February 2011 | 378.52 | |
| 2198 | S.R.F. Cleaning Serv. Inv. No: 10/1834 Street Sweeping-g/cutting-m/sweeper February 2011 | 4627.29 | |
| 2199 | Venture Trading Inv. No: 16462 – stationery | 40.88 | |
| 2200 | Alfa Co. Ltd inv.No: 69234-69233-69954-69953-69785 | 329.79 | |
| 2201 | ARMS Ltd inv. No: 13274583 – 21.09.2010 26.01.2011 Gżira Gardens | 1049.98 | 7046 |
| 2202 | ARMS Ltd inv. No: 13274584 – 21.09.2010 26.01.2011 Gżira Promenade | 539.26 | 7047 |
| 2203 | Melita plc inv. No: 30025477 Hello Service & Usage 27013021 – 08.02.11 – 07.03.11 | 402.94 | 7048 |
| 2204 | Mr. Alfred Portelli Contract Manager Fee January – February – March 2011 | 745.42 | |
| 2205 | Dr. Edward Woods Legal Advisor fee January – February – March 2011 | 494.76 | |
| 2206 | Ms Alexandra Galea Inv. No: 17 Crafts Lessons – March 2011 | 375.00 | |
| 2207 | R.F. Centre material Anzjani Jum il-Gżira | 25.00 | 7049 |
| 2208 | J. Borg Inv. No: 22 Duck Food February 2011 | 46.59 | |
| 2209 | J. Borg Inv. No: 23 Duck Food March 2011 | 46.59 | |
| 2210 | Emm. Mifsud Inv. No: 70 March 2011 Door to Door Collection | 5590.50 | |
| 2211 | Emm. Mifsud Inv. No: 71 March 2011 Skip Hire | 432.87 | |
| 2212 | Emm. Mifsud Inv. No: 72 March 2011 Public Convenience | 836.06 | |
| 2213 | Emm. Mifsud Inv. No: 73 Bulky Service for February 2011 – 159 Calls | 870.37 | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2214 | BIG Exhibts – Quote No: 1233 – 10 Skart Signs | 103.01 | |
| 2215 | GO plc Inv. No: 25312495 Tel No: 21322157 Calls February Rent March 2011 | 58.54 | 7050 |
| 2216 | GO plc Inv. No: 25311847 Tel No: 21341616 Calls February Rent March 2011 | 21.20 | 7051 |
| 2217 | GO plc Inv. No: 25311837 Tel No: 21334254 21341034 Calls Feb rent March 2011 | 73.78 | 7052 |
| 2218 | MITA Inv. SIN024542 Maint & Supp Connect. from January to March 2011 | 416.85 | |
| 2219 | UniKing Int. Inv. No: D1012 Traffic Calming measure in Bouverie Street | 367.82 | 7053 |
| 2220 | WasteServ Inv. No: 005649 – Allocated msw Waste – December 2010 | 1790.19 | |
| 2221 | Allied Newspapers Inv. No: AS1441544 Advert Locality Call – 09.03.2011 | 60.30 | |
| 2222 | Borg Hardware Store Inv. 114 | 103.10 | |
| 2223 | Makaw Ironmongery Inv. No: 18878 Road Marking Paint & Thinner | 139.71 | |
| 2224 | S.Rausi Trading Ltd. Inv. Nos: 21080356 Drinking Water for Office | 17.98 | |
| 2225 | Melita plc inv. No: 30165735 Hello Service & Usage 27013021 – 08.03/07.04.2011 | 349.72 | |
| 2226 | J.F. Mallia Ltd Inv. Nos: 536/546 Maint Bozoz Single Bollards & U Shape Bollards | 417.79 | |
| 2227 | Media Link Comm. Inv. No: 045483 Advert locality call 09.03.2011 | 47.91 | |

Ref Nru: K039/10/11

21 ta’ Marzu 2011

Minuti ta’ l-intervisti għall-post t’*accountant* li saru l-Ġimgħa 4 ta’ Marzu 2011, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Gżira

Preżenti: Sindku Chris Bonett, l-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillier Ian Micallef flimkien ma’ Rowena M Borg

Materji Diskussi

Qabel mal-*board* beda bl-intervisti, ġew preżentati s-sottomissjonijiet li waslu sal-ġurnata u l-ħin ta’ l-għeluq ta’ l-avviż kif pubblikat, li kienu tlieta kif ukoll, ġie nfurmat li minkejja li d-data ta’ l-għeluq kienet 18 ta’ Frar 2011, f’nofs nhar, l-Kunsill kien irċieva sottomissjoni oħra fl-24 ta’ Frar 2011 bil-posta, liema sottomettent ma ġiex mitlub jattendi għall-intervista qabel mal-*board* jiddeċiedi jekk din is-sottomissjoni kinitx ser tiġi aċċettata.

Wara diskussjoni qasira, fejn anke ġie vverifikat t-timbru postali fuq l-*envelope*, l-*board* qabel unanimament li la darba din ma waslitx sal-ġurnata u l-ħin indikat fl-avviż, din l-applikazjoni ma tistax tiġi milqugħa u għalhekk, il-Kunsill Lokali għandu jikkomunika dan bil-miktub.

Il-*board* gie nfurmat li wieħed mis-sottomettenti u cioe’ s-Sur Joe Scerri ma setax jattendi għall-intervista tiegħu minħabba l-fatt, li kien rikoverat l-Isptar.

Il-*board* qabel li l-Kunsill Lokali għandu jżomm kuntatt mas-Sur Scerri sabiex wara li jiġi dimess, tinstab ġurnata meta tkun tista’ issir l-intervista tiegħu .

Għalhekk l-intervisti li kienu ser isiru kienu mas-Sna Amanda Grima u *JCA LTD.*

Il-*board* ġie ppreżentat bid-dokumenti ta’ l-ewwel sottomettent u cioe’ tas-Sna Grima.

Fis-2.00 p.m. is-Sna Grima daħlet għall-intervista tagħha.

Wara li s-Sindku Chris Bonett li ppreseda dawn l-intervisti ntroduċa l-*board*, għadda mill-ewwel għall-mistoqsijiet li kienu:

- A bazi ta’ l-informazzjoni mogħtija minnha, meta kienet qed tippjana li tagħmel l-eżamijiet ta’ *Certified Public Accountant*?
- X’tip t’eżamijiet huma dawk li kienet qed tirreferi għalihom?
- X’kienet d-disponnibbilta’ tagħha għax-xogħol tal-Kunsill Lokali?

Is-Sna Grima wieġbet, li kienet qed tippjana li l-eżamijiet tagħmilhom f'Ġunju jew Diċembru 2011 minħabba l-fatt, li dawn isiru biss f'dawk ix-xhur. Fir-rispett tat-tieni mistoqsija, Sna Grima nfurmat, li dawn l-eżamijiet huma *warrant* minħabba x-xogħol relatat mat-taxxa filwaqt li għall-aħħar mistoqsija wieġbet li hi disponnibbli u tadegwa ruħha skont l-bżonnijiet tal-Kunsill Lokali.

Is-Sindku Chris Bonett stieden lill-membri l-oħra jressqu l-mistoqsijiet tagħhom.

Il-Viċi-Sindku Joe Camilleri staqsa:

- kemm taħseb li għandha bżonn tiddedika ħin fil-ġimgħa biex tagħmel ix-xogħol tal-Kunsill Lokali?

Is-Sna Grima wieġbet li primarjament trid tkun taf is-sitwazzjoni preżenti tal-Kunsill Lokali u jekk hemmx xi *back lock* ta' xogħol għaliex dan jirrikjedi li fl-ewwel ġimgħat trid tiddedika aktar ħin, madanakollu, ga la darba x-xogħol ikun *up to date*, l-ħin rikjest ikun ikkalkulat skont in-numru ta' tranzazzjonijiet. Hi kompliet tghid li f'Jannar li ghadda kienet giet ingaggata mill-Kunsill Lokali Naxxar li kellhom 'l fuq minn sitt xhur *back log*, lanqas biss kellhom *fixed assets register*, ma sarux *bank reconcilations* ta' xhur sħaħ u meta saru dawn saru ħażin fost affarijiet oħra, madanakollu minkejja ż-żmien relattivament qasir, din is-sitwazzjoni kienet diġa' ġiet ndirizzata.

Rowena M Borg spjegat s-sitwazzjoni attwali ta' dan il-Kunsill Lokali.

A bazi ta' l-informazzjoni mogħtija Sna Grima qalet li l-ewwel trid taħdem fuq il-*bank reconcilations* għaliex dan hu wieħed mill-fatturi li jieħu l-aktar ħin, sussegwentament ta' liema tkun tista' tistabbilixxi numru ta' sigħat fil-ġimgħa, li a prima facie minn dak li ġiet nfurmata aktar qabel minn Rowena M Borg, taħseb li jkun circa ta' ħames sigħat fil-ġimgħat.

Rowena M Borg staqsiet lis-Sna Grima:

- jekk a bazi ta' dak ppubblikat fl-*expression of interest* kelliex xi problema biex teżawrixxi xi punt/i msemmija partikularment fir-rispett ta' *software* msemmi, tassazzjoni, ppjanar finanzjarju, *deadlines*, li ma tistax taħdem *remotely* etc

Is-Sna Grima qalet li hi l-avviż qratu sew u kkonfermat li kapaċi teżawrixxi kull punt msemmi nkluż dawk kollha elenkati minn R. M. Borg kif ukoll, l-esperjenza li kienet qed tottjeni mill-Kunsill Lokali Naxxar ser isserviha ta' gwida tajba sabiex tlaħħaq ma ' dak mitlub minn dan il-Kunsill Lokali f'każ li tintagħżel.

Wara li ġew eżawriti l-punti kollha, l-*board* irringrazzja lis-Sna Grima.

L-intervista spiċċat fis-2.20 p.m.

Il-*board* ġie ppreżentat bid-dokumenti tat-tieni sottomettent u cioe' *JCA LTD*

Fis-2.30 p.m. r-rappreżentanti ta' *JCA LTD* s-Sinjuri Joanne Caruana u Victor Camilleri daħlu għall-intervista tagħhom.

Wara li s-Sindku Chris Bonett ntroduċa l-*board,* ressaq l-mistoqsijiet tiegħu li kienu:

- Kif inhi strutturata l–kumpanija?
- Kemm għandha mpjegati l-kumpanija?

Is-Sna Joanne Caruana nfurmat li l-kumpanija hi magħmula minn żewġ persuni u cioe' mis-Sur Victor Camilleri li għandu l-*warrant* ta' *C.P.A.* u ppreżentat c-C.V. tiegħu u minnha stess. Hi qalet, li x-xogħol issir minnha u ma kinitx ser tibgħat xi *junior accountant* fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokai flimkien mas-Sur Camilleri li jiffirma d-dokumenti.

Il-Viċi-Sindku !oe Camilleri reġa' staqsa:

- dwar il-mod ta' kif kienet qed tipproponi li ser taħdem minħabba l-fatt, li hi m'għandiex *C.P.A.?*
- Kemm taħseb li hemm bżonn li tiddedika ħin fil-ġimgħa għax-xogħol tal-Kunsill Lokali?

Hi spjegat li filwaqt li x-xogħol fil-Kunsill Lokali tagħmlu hi stess, madanakollu l-ffirmar tad-dokumenti ssir mis-Sur Camilleri kif ukoll, hi tiddedika l-ħin kollu neċessarju sabiex isir ix-xogħol mitlub.

Rowena M Borg staqsiet:

- jekk a bazi ta' dak ppubblikat fl-*expression of interest* kelliex xi problema biex teżawrixxi xi punt/i msemmija u cioe' fir-rispett ta' *software* msemmi, tassazzjoni, ppjanar finanzjarju, *deadlines*, li ma tistax taħdem *remotely* etc

Is-Sna Joanne Caruana spjegat, li hi m'għandha l-ebda problema li teżawrixxi l-punti kollha msemmija u dan anke in vista tal-fatt, li hi familjari mas-*software* msemmi tant, li tagħat anke korsijiet dwar kif jintuża', ilha nvoluta fil-qasam tal-Kunsilli Lokali sa mill-bidu tagħhom tant, li kient waħda mill-persuni li fasslu l-istrutturi finanzjarji nkluż t-*templates* li għadhom jintużgħaw attwalment, hi familjari ma' l-E.U. *applications* kif ukoll, a bazi ta' talba mid-D.L.G. kienet *acting secretary* f'żewġ Kunsilli Lokali Għawdxin u għalhekk taf xi pressjoni jkun hemm fuq il-Kunsilli biex jissottomettu l-informazzjoni mitluba fil-ħin.

Wara li ġew eżawriti l-punti kollha, l-*board* irringrazzja lis-Sinjuri Caruana u Camilleri.

L-intervista spiċċat fit-3.00 p.m.

B’eżitu tal-mistoqsijiet u r-risposti mogħtija, l-*board* qabel unamnimament li:

1. l-Kunsill għandu jikteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jivverifika jekk jistax ikompli bl-evalwazzjoni tas-sottomissjoni tas-Sna Grima minħabba li attwalment għad m’għandiex *C.P.A.*

2. li tiġi appuntata ġurnata għall-intervista mas-Sur Scerri

3. li f’dak l-istadju s-sottomissjoni ta’ *J.C.A. LTD* kienet qed tidher l-aktar waħda opportuna u dan minħabba l-fatt, li kienet l-aktar waħda familjari mas-sistema tal-Kunsilli Lokali, għandha l-aktar esperjenza għaliex ilha nvoluta sa mill-bidu u kienet waħda milli faslet t-*templates* finanzjarji, ħadmet bħala Segretarju Eżekuttiv u għalhekk, għandha esperjenza ta l-pressjoni mposta fuq l-amministrazzjoni.

4. Dwar l-aspett finanzjarju, filwaqt li l-Kunsill jrid jistenna risposta għall-punt numru wieħed, sussegwentament ta’ liema, jekk il-Kunsill jkun jista’ jkompli bl-aġġudikazzjoni ta’ din l-applikazzjoni wkoll, jrid jiġi stabbilit numru ta’ siegħat mas-Sna Grima minħabba li din biss s-sottomettiet *rate per hour* għaliex fir-rispsett tat-tnejn l-oħra taw *monthly fee* u għalhekk, setgħa jiġi kkomperat li *JCA LTD* kienet orħos mis-Sur Scerri

5. Ġie notat ukoll, li Joe Scerri talab *an hourly rate for ad hoc work* filwaqt li t-tnejn l-oħra ma għamlu ebda referenzi simili.

Dott Chris Bonett B.A. LL.D. — Joe Camilleri

Sindku — Viċi-Sindku

Dr. Ian Micallet B.A. LL.D. — Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.

Kunsillier

Kontinwazzjoni ta' l-intervista

Minuti ta' l-intervista għall-post t'*accountant* li saret t-Tnejn 21 ta' Marzu 2011, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Gżira

Preżenti: Sindku Chris Bonett flimkien ma' Rowena M Borg

Skużati: l-Viċi-Sindku Joe Camilleri minħabba mpenn personali u l-Kunsillier Ian Micallef minħabba mpenn ta' safar biex jattendi għall-Kungress tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Il-*board* ġie ppreżentat bid-dokumenti tat-tielet sottomettent u cioe' tas-Sur Joe Scerri

Fid-9.30 a.m. is-Sur Joe Scerri daħal għall-intervista tiegħu.

Is-Sindku Chris Bonett rringrazzja lis-Sur Scerri u ressaq l-mistoqsijiet tiegħu:

- X'kienet ir-raġuni l-għala applika għall-*expression of interest*?
- X'jista' joffri lill-Kunsill li ħaddieħor ma jistax jagħmel?
- X'inhi d-disponnibbilta' tiegħu minħabba li l-Kunsill Lokali ma jistax jaħdem b'*remote access*?

Is-Sur Scerri wieġeb li bħalma kiteb fl-ittra tiegħu hu m'għadux jifforma parti mill-kumpanija li kienet tagħmel l-*auditing* u qed jaħdem fuq xogħol relatat m'*accountancy* biss filwaqt li fit-tieni mistoqsija ma jistax jwieġeb minħabba l-fatt, li ma jafx x'offrew l-applikanti l-oħra. Dwar *remote access* hu qal, li m'għandux problema ta' flessibbilta'.

Is-Sindku talab lil Rowena M Borg tressaq il-mistoqsijiet tagħha:

- jekk a bazi ta' dak ppubblikat fl-*expression of interest* kelliex xi problema biex teżawrixxi xi punt/i msemmija u cioe' fir-rispett ta' *software* msemmi, tassazzjoni, ppjanar finanzjarju, *deadlines*, li ma tistax tahdem *remotely* etc

Is-Sur Scerri wieġeb li filwaqt li hu tal-fehma li jista' jeżawrixxi l-punti kollha madanakollu jeħtieġ xi għajnuna tal-Kunsill partikularment fit-tħaddim tas-*Sage Pastel*.

Intant, Rowena M Borg tat *overview* tas-sitwazzjoni attwali ta' l-*accounts* kif ukoll, staqsiet:

- x'tip t'*ad hoc work* qed jirreferi għalih għall-liema qed jitlob €25 fis-siegħa?

Is-Sur Scerri qal li għal dak kollu li kien hemm imnizzel fl-*expression of interest* hu nkluż fir-rata tax-xogħol madanakollu r-*rate extra* tapplikka għall-xogħolijiet oħra bħal dak pendenti relatat mas-sena 2010.

Wara li ġew ezawriti l-punti kollha, l-*board* irringrazzja lis-Sur Scerri.

L-intervista spiċċat fl-10.10 a.m.

Dott Chris Bonett B.A. LL.D. Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.

Sindku

GŻIRA

# Kunsill Lokali Gżira

283/1 Rue D'Argens Gżira
Tel 21341034 Fax 21341616 e-mail gzira.lc@gov.mt

## **<u>Rapport Amministrattiv Annwali</u>**

Jannar sa Diċembru 2010

Werrej

1. Kummenti mis-Sindku

2. Rapport Amministrattiv

   a. *Daħla*

   b. *Ħarsa u Rapport ta' Ħidma tul is-Sena minn April sa Diċembru 2009*

   c. *Rapport ta' nfieq Finanzjarju*

   d. *Amministrazzjoni tal-Kunsill*

   e. *Pjan ta' Ħidma sa Marzu 2012*

   f. *Għeluq*

# Kummenti Tas-Sindku Dwar Ir-Rapport Amministrattiv Tas-Sena minn Jannar 2010 sa Diċembru 2010

**Messaġġ tas-Sindku**

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

## 2. REF NRU ADMRP 16/2010 *RAPPORT AMMINISTRATTIV GĦAS-SENA minn Jannar sa Diċembru 2010.*

### a. DAĦLA

Matul is-sena 2010, il-Kunsill Lokali kompla jaddatta s-sistemi tiegħu a bazi tad-diversi punti riformattivi hekk kif mħabbra u mplimentati fis-sena preċedenti mill-Gvern Ċentrali. Fil-fatt, waħda mill-punti ewlenin msemmija kienet, li apparti l-allokazzjoni finanzjarja diretta mill-Gvern Ċentrali, l-Kunsill permezz ta' skemi mħabbra mill-Gvern Ċentrali, applika għall-fondi addizzjoni sabiex b'hekk ikun jista' jżied in-nefqa annwali tiegħu għall-ġid tal-komunita' Gżirjana.

Matul din is-sena finanzjarja, l-Kunsill kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, l-allokazzjoni diretta li ammontat għal €464,371 (Lm199,354.47) liema allokazzjoni kienet maħduma skont il-formola l-ġdida, li tifforma parti mit-tmien skeda ta' l-att Konsolidat dwar il-Kunsilli Lokali, bbażżata fuq l-funzjonijiet hawn taħt imsemmija:

1. iżżamma ta' parki, ġonna u *soft areas*
2. manutenzjoni ta' toroq
3. immaniġjar ta' l-iskart, nkluż tindif tat-toroq
4. nefqa għall-amministrazzjoni, nkluż l-*allowance* tas-Sindku u l-Kunsillieri
5. fond għall-aġġustament
6. ammont allokat għall-*tipping fees*

B'hekk għall-ewwel darba, l-Kunsill irċieva flus diretti għall-ispejjeż tat-*tipping fees*, li huma relatati ma' rimi ta' skart mħallat. Apparti minn din l-allokazzjoni diretta mill-Gvern Ċentrali, l-Kunsill Lokali kellu wkoll għad-dispożizzjoni tiegħu, flus mill-fond tal-*Urban Improvement Fund* fi ħdan il-M.E.P.A., sabiex ikunu jistgħu jkomplu jiġu ppjanati u mwettqa proġetti ta' tisbieħ fil-lokalita'.

Fil-fatt, matul din is-sena finanzjarja l-Kunsill kompla jaħdem fuq ir-raba' proġett li ser isir mill-fond tal-*U.I.F.* li hu l-ewwel minn erba' żoni ta' tibdil tal-bankini fix-Xatt u l-*area* Ċentrali. Preżentament, l-Kunsill Lokali permezz tal-persuni professjonali tiegħu qed jiffinalizza d-dokument tas-sejħa għall-offerti bl-għan li jiġi ppubblikat fil-ġimgħat li ġejjin. Intant, proġett ieħor li għadha għaddejja l-ħidma fuqu, hu dak tat-tranġar u tisbieħ ta' Pjazza Ġerry Zammit. Proġett li sfortunatament ħa ferm aktar milli l-Kunsill kien qed jippretendi u dan għar-raġuni li minkejja li jifforma parti mill-ġurisdizzjoni ta' dan il-Kunsill, l-awtorita' kompetenti dwar l-immaniġjar tat-traffiku kienet qed titlob ukoll approvazzjoni minn lokalita' oħra.

Kif ġie aċċennat aktar 'l fuq, il-Kunsill Lokali għamel diversi talbiet permezz ta' l-iskemi mneddija mill-Gvern Ċentrali u b'hekk matul din is-sena finanzjarja l-Kunsill ibbenefika minn dawn il-fondi:

- €466 għall-xiri ta' kotba għall-Librerija Pubblika
- €8,500, nofs l-ammont mħallas sabiex setgħet tiġi tranġata l-parti ta' fuq ta' Triq D'Argens, minħabba l-fatt, li din it-triq kienet tifforma parti mir-rotta prinċipali taż-Żjara tal-Qdusija tiegħu l-Papa f'Malta, f'April li għadda
- € sabiex isiru it-toroq Sir Patrick Stuart u Sir Frederick Ponsomby taħt l-iskema *Public Private Partnership*
- l-Kunsill Lokali ngħata l-apparat neċessarju sabiex tkun tista' tiġi nstallata *WiFi System* fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa, Gżira
- l-Kunsill Lokali hu eleġibbli li jirċievi parti mill-ħlas għad-diversi korsijiet li qed isiru taħt l-iskema Tagħlim Tul il-Ħajja
- €4,000 mid-ditta Vodafone fl-għeluq l-20 sena anniversarju mit-twaqqif sabiex jintużgħu għall-inizjattivi ambjentali

Intant, apparti l-applikazzjonijiet hawn fuq imsemmija, l-Kunsill ressaq ukoll talbiet oħra fosthom sabiex jiġu nstallati sistemi t'użu t'enerġija alternattiva fi Pjazza Gerry Zammit, fondi speċjali għall-lokalitajiet bi bzonnijiet speċjali, skema ta' finanzjament għal restawr ta' Bieb il-Ġżira bħala post storiku żgħir kif ukoll għajnuna għal żieda t'aktar taħwil ta' siġar f'postijiet pubbliċi. Fir-rispett ta' l-ewwel tliet talbiet, l-applikazzjoni ta' dan il-Kunsill ma ġietx milqugħa filwaqt li f'dik ta' l-aħħar, minħabba li d-domanda kienet aktar minn dik mistennija, l-applikazzjoni għadha pendenti.

B'hekk, permezz ta' fondi mill-*U.I.F.*, u għajnuna oħra finanzjarja minn fondi oħra mnedija mill-Gvern, qed jingħata lok lill-Kunsilli Lokali, sabiex filwaqt li jkunu jistgħu jitwettqu proġetti li mhux possibbli li jsiru mill-allokazzjoni annwali, bl-ebda mod ma jkun hemm il-ħtieġa li jew jitnaqqsu s-servizzi eżistenti jew jirriżolvi għal servizzi ta' kwalita' nferjuri biex isiru proġetti simili.

**b. <u>Ħarsa u Rapport ta' Ħidma tul is-sena Jannar sa Diċembru 2010</u>**

Matul din is-sena finanzjarja, l-Kunsill kompla fuq il-pjan mibdi fis-sena amministrattiva preċedenti kif ukoll, ta' spinta f'ċertu oqsma u anke kien innovattiv bl-implimentazzjonijiet li wettaq.

B'kontinwazzjoni għal dak imħabbar, sa mill-bidu ta' din il-leġislatura, dan il-Kunsill Lokali kompla jespandi l-kalendarju t'attivitajiet kulturali tiegħu. Fil-fatt, ma naqsux l-attivitajiet marbuta maċ-ċelebrazzjoni ta' Jum il-Gżira, li bdew it-Tnejn 11 ta' Mejju bi żjara lill-Anżjani Gżirjani f'San Vinċenż de Paule u l-għada 12 ta' Mejju saret żjara lill-Anzjani

fid-dar ta' l-Anżjani tal-Gżira fejn apparti li ngħata rigal lil kull resident, l-Kunsill provda mużiċisti sabiex ħoloq atmosfera alleġruża, attivita,' li skont l-amministraturi ta' din id-Dar, tkun mistennija ħafna mill-anzjani. L-istess jista' jingħad għaż-żjajjar li jsiru lill-anzjani residenti f'din il-lokalita' fejn rappreżentanti ta' dan il-Kunsill jmorru jżurhom fi djarhom. Ma naqsitx l-attivita' annwali marbuta ma' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, fil-librerija li saret fit-13 ta' Mejju u dawn l-attivitajiet ġew konklużi nhar Jum il-Gżira stess, jiġifieri fil-15 ta' Mejju b'Quddiesa ta' ringrazzjament.

Kemm l-attivitajiet sajfin fix-Xatt kif ukoll, it-tiżjin tad-dawl tal-Milied reġgħu saru, biż-żieda li apparti x-Xatt, Pjazza Meme' Scicluna, Misraħ Turu Colombo u quddiem iċ-Ċentru t'Attivitajiet fil-parti ta' fuq ta' Triq San Albert. L-għan tal-Kunsill hu li din l-inizjattiva tkompli tikber sabiex f'dawn il-ġranet ta' festi, diversi partijiet tal-lokalita' jingħataw aktar ħajja.

Il-kulminu ta' l-attivitajiet tal-festi tal-Milied intlaħaq nhar il-Milied stess, meta l-Kunsill Lokali, għat-tieni sena konsekuttiva, organizza ikla nhar il-Milied fiċ-Ċentru t'Attivitajiet għar-residenti li f'din il-ġurnata li tradizzjonalment l-familji jiltaqgħu u jiċċelebrawha flimkien, dawn ikunu weħidhom. Bla dubju, din l-attivita', li din is-sena ġiet organizzata mis-Sindku Chris Bonett reġgħet wasslet il-messaġġ li l-Kunsill Lokali qiegħed hemm għall kullħadd u jimpenja ruħu bis-sħiħ bis-servizz li jagħti sabiex b'ħidmitu jilħaq lil kulħadd. F'dan l-istadju, tajjeb li jingħad li s-suċċess ta' din l-attivita' kompla jittejjeb bl-għajnuna li l-Kunsill Lokali sab minn diversi negozjanti fil-lokalita' li taw prodotti ta' l-ikel bla ħlas kif ukoll kien hemm minn offra donazzjonijiet finanzjarji sabiex jinfdew spejjeż oħra relatati ma' din l-attivita'. Ringrazzjament isir ukoll lill-Fondazzjoni Suret il-Bniedem li għat-tien sena offriet is-servizz tagħha li tagħmel it-tisjir għal din l-attivita'.

Jekk kien hemm impenn fil-qasam soċjali u kulturali l-istess jista' jingħad għal dak edukattiv, fejn bi tkomplija mis-sena preċedenti, l-Kunsill estenda l-attivitajiet edukattivi tiegħu għal matul din is-sena bid-differenza, li dawn qed jiġu organizzati fiċ-Ċentru ta' Attivitajiet. Il-Kunsill kompla bil-parteċipazzjoni tiegħu fil-kampanja l-'Ktieb Teżor' mad-ditta *Merlin Libraries*, kampanja, li kif l-Kunsill Lokali dejjem spjega, hi mmirata għall-ġenituri u t-tfal li jkunu ser jibdew l-ewwel sena skolastika tagħhom. Għalhekk, bħal ma sar fil-passat inxtara pakkett ta' kotba li ġew regalati lil kull tifel u tifla li bdew l-ewwel sena tal-*kindergarden* f'Ottubru 2010, mis-Sindku. Anke fir-rispett tal-korsijiet tal-*crafts*, għat-tielet sena konsekuttiva, l-Kunsill kompla għaddej fuq il-kunċett ta' *crafts clubbing*, bit-tagħlim jingħata mill-ko-ordinattriċi Alexandra Galea. Madanakollu, anke dan l-aspett ġie msaħħaħ għaliex taħt is-superviżjoni tas-Sna Galea, r-residenti li jattendu dawn il-korsijiet bla ħlas, bil-ħilijiet li tgħallmu preparaw riġali għar-residenti l-oħra li attendew għall-ikla tal-Milied, dawk li tqassmu lir-residenti fid-Dar ta' l-Anzjani li hemm fi Triq ix-Xatt, Gżira kif ukoll, lir-residenti Gżirjani li bħalissa jinsabu fl-Isptar san Vinċenz De Paule u

residenti anzjani li jgħixu f'din il-lokalita'. Għal darba l-Kunsill poġġa fil-prattika l-kunċett ta' komunita', fejn ir-residenti jagħtu minn dak li jkunu rċevew mill-istess lokalita'.

Kif msemmi aktar 'l fuq, permezz ta' l-aċċettazzjoni ta' l-applikazzjoni ta' dan il-Kunsill Lokali li jipparteċipa fl-inizjattiva tagħlim Tul il-Ħajja, l-Kunsill Lokali setgħa joffri diversi korsijiet u għall-ewwel darba apparti t-tagħlim fil-lingwi Malti, Taljan u Ngliż, qed jingħata taħriġ ukoll, fil-lingwa Spanjola. Intant, taħt tramitte ta' l-istess skema, l-Kunsill ntroduċa kors ieħor tal-*Health and Wellbeing*.

Anke matul din is-sena, l-Kunsill kompla joffri t-tagħlim fil-qasam ta' informatika lit-tfal, liema taħriġ sar mid-ditta *TcTc*.

Kif ssemma aktar 'l fuq, bil-parteċipazzjoni tal-Kunsill biex jibbenefika minn fondi addizzjonali waslet sabiex kien possibbli li jinxtraw aktar kotba u b'hekk l-għażla ta' kotba għall-qarrejja kibret. Filwaqt li tkabbir fin-numru ta' kotba jattira aktar abbonati madanakollu, s-suċċess li qed jintlaħaq f'dan is-settur edukattiv hu mertu ukoll tal-librara Sna Nathalie Camilleri. Bla dubju d-disponibbilita' u l-flessibbilita' tal-librara huma fatturi ferm importanti li qed issaħħu dan il-qasam u b'dawn l-elementi quddiemu, l-Kunsill Lokali jkompli jimtela bil-ħeġġa li jimpenja aktar ruħu biex iwessa' s-servizz offrut li preżentament hu aċċessibbli għall-pubbliku t-Tnejn, l-Erbgħa u s-Sibt mid-09.00 a.m. sa 12.00 p.m.,

Il-Kunsill Lokali kompla bl-impenn infrastrutturali tiegħu permezz ta' sejħa għall-offerti sabiex jkunu jistgħu jsiru l-bankini u l-asfaltar tat-toroq Samuel Taylor Coleridge, Immakulata Kunċizzjoni u Nicola Cottoner. Fil-fatt, wara sejħa pubblika, ntagħżlet id-ditta *Road Servicing LTD* biex tagħmel ix-xogħlijiet neċessarji. Sabiex l-inkonvenjent ikun mill-inqas possibbli, l-Kunsill għamel kuntatt ma' l-entitajiet kollha neċessarji li għandhom is-servizzi tagħhom li jgħaddu minn taħt l-art sabiex jekk kien hemm bżonn, dawn is-servizzi jinbidlu jew issir manutenzjoni fuqhom fl-istess frattemp li kien qed isir żvillupp infrastrutturali mill-Kunsill. Il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma kienet l-unika waħda li wieġbet pożittivament għat-talba tal-Kunsill u b'hekk apparti minn toroq u bankini ġodda, r-residenti qed igawdu ukoll minn servizz ta' l-ilma aħjar.

B'tħejjija għax-xhur xitwin, il-Kunsill Lokali reġgħa naddaf il-bokok u l-meded kollha tal-*culverts* ta' Triq ix-Xatt minn Triq Imsida sa Triq San Ġorġ, Triq Emanuele Giordano, Triq Luqa Briffa u Triq Sliema. Intant, in vista tar-riżultati ottenuti permezz ta' l-analiżi li kienu saru s-sena li għaddiet, l-Kunsill a spejjeż tiegħu għamel bokka u medda ġdida minn Triq Sir Patrick Stuart sas-*Central strip* tax-Xatt. Bla dubju, dan ix-xogħol kien importanti sabiex jittnaqqsu l-problemi li din it-triq tkun ffaċjata bihom fix-xita. Ovvjament, jonqos ħafna x'għad irid isir u hu għalhekk li l-Kunsill qed jitlob sabiex jsiru laqgħat mal-Periti ta' A.T.M. responsabbli mid-distrett li minnu tifforma parti din il-lokalita',

minħabba l-fatt, li xogħlijiet ta' rikostruzzjoni ta' *storm water culverts* jiffurmaw parti mir-responsabbilita' tal-governanza ċentrali.

B'sodifazzjon l-Kunsill Lokali jsemmi l-proġett li nbeda mill-*iStorm Management Unit* fi ħdan l-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, dak li jsir *storm water culvert* fi Triq Sliema, indipendenti minn dak eżistenti bir-rotta tiegħu tkun, li jaqsam Triq Luqa Briffa għal Triq Turu Rizzo sa Wied Għollieqa. Ċertament, dan kien proġett li din il-lokalita' ilha tistenna sabiex b'hekk tibda tiġi ndirizzata l-problema ta' l-għargħar. S'issa għadha tlestiet l-ewwel fażi u l-Kunsill jittama li x-xogħol fuq il-fażijiet l-oħra ma jdumux ma jitkomplew u dan anke minħabba l-fatt, li l-Kunsill ġie nfurmat li wara li jitlesta dan ix-xogħol għandu jingħata wiċċ aħjar ta' ħafna mill-partijiet ta' Triq Sliema kif ukoll, isir *resurfacing* ta' Triq Turu Rizzo kif kien mħabbar fil-programm ta' ħidma fuq toroq residenzjali mill-Gvern Ċentrali.

A bazi tal-kuntratti perjodiċi, tkompla x-xogħol ta' manutenzjoni u tisbieħ fis-*soft areas* u fix-Xatt, saru xogħlijiet ta' *road markings* u tranġar u nstallazzjoni ta' tabelli ġodda tat-toroq mill-Koperattiva Tabelli u Sinjali kif ukoll, l-kuntrattur George Spiteri għan-nom tad-ditta *J & K Contractors* rebaħ il-kuntratt ta' xogħlijiet ta' *Patching and Pavement Re:Instatement Works* sabiex b'hekk ikunu jistgħu jitkomplew dawk ix-xogħlijiet pendenti. Il-Kunsill jikkumenta, li sfortunatement xogħlijiet ta' *patching* u tranġar ta' bankini kellu jieqaf għall-perjodu ta' żmien minħabba l-fatt, li l-kuntrattur li kien responsabbli minnu m'onorax il-kundizzjonijiet tal-kuntratt u għalhekk ma kienx hemm alternattiva oħra ħlief li jiġi terminat b'konsegwenza tal-fatt, li dan wassal għall-dewmien mhux mixtieq.

Dawn is-servizzi qed jiġu offruti, apparti s-servizz li dan il-Kunsill Lokali joffri permezz tal-ħaddiema ta' l-I.P.S.L. assenjati mal-Kunsill u ħaddiem assenjat mill-Gvern Ċentrali li huma mpenjati fuq xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalita' partikularment xogħol ta' ħadid, żebgħa ta' bankijiet, installazzjoni ta' reċipjenti għall-iskart partikularment f'postijiet rekreattivi, *patching* temporanju, tiswijiet żgħar ta' bankini u tranġar ta' tabelli tat-traffiku. Anke in vista ta' dan it-tip ta' servizzi, l-Kunsill Lokali laqa' t-talba u ppartecipa fl-iskema mnedija mill-Gvern Ċentrali ta' Skema fil-Komunita' mill-E.T.C. u b'hekk għall-perjodu ta' sitt xhur, ġie assenjat ħaddiem ieħor ma' dan il-Kunsill. Din l-għajnuna, anke jekk fuq bażi temporanja hi ferm utli għall-Kunsill u dan wara li wieħed mill-ħaddiema ta' I.P.S.L. ma baqax aktar assenjat f'din il-lokalita'.

La darba qed jiġi mogħti rendikont infrastrutturali, tajjeb li ssir referenza għall-aspett ieħor mill-implimentazzjoni tar-riforma, dik tal-*Public Private Partnership,* fejn b'eżitu ta' diskussjonijiet mal-Kunsilli Lokali ser jiġi miftiehem liema toroq ser isiru b'din is-sistema u ssusegwentament għall-għoti ta' sejħiet għall-offerti, l-kuntratturi jkunu

responsabbli li jagħmlu xogħlijiet ta' toroq u manutenzjoni li l-ħlas tagħhom ikun fuq perjodu ta' numru ta' snin u l-ħlasijiet jinqasmu bejn il-Gvern Ċentrali u l-Kunsilli Lokali. Il-fond imħabbar, hu ta' miljun ewro fis-sena. Dan il-Kunsill Lokali laqa' din it-talba u ssottometta l-informazzjoni mitluba minnu.

joħorġu sejħa għall-offerti fir-rispett ta' dawn is-servizzi, kif qed jagħmel dan il-Kunsill Lokali. Intant, matul din is-sena finanzjarja, ġew estiżi ukoll, il-kuntratti tal-poloz t'assikurazzjoni u marki taż-żebgħa u sinjali tat-traffiku lid-ditti *AON Insurance Brokers* u lill-Koperattiva tat-Tabelli u Sinjali rispettivament.

Għalhekk, ġiet ppubblikata Sejħa għall-Offerti għall-

i. *Patching and Kerb Re: Instatement Works ppubblikata fit-3 ta' Lulju 2009*

Din is-sejħa għall-offerti ġiet aġġudikata u mogħtija lid-ditta *J & K Contractors LTD*

Ġew ppublikati ukoll, żewġ sejħiet għall-*Expression of Interest* li kienu

i. *Accountancy Services* ppubilkata fl-20 ta' Frar 2009
ii. *Service of a Crafts and Activities Co-Ordinator* ppubblikata fis-6 ta' Ottubru 2009

Anke fir-rispett ta' dawn l-*expression of interest*, nħatar bord ta' rakkomandazzjoni sabiex saru l-*interviews* neċessarji,u sussegwentament l-vakanzi ġew mimlija mis-Sinjuri Antoine Portelli u Alexandra Galea rispettivament. B'hekk sa mill-bidu ta' din il-leġislatura, nħarġu tlett *expression of interest* u dan wara li fis-sena finanzjarja preċedenti kienet nħarġet talba oħra għall-post ta' librara.

Il-Kunsill attenda laqgħat ta'

- l-Infurzar Lokali li ġew msejħa mill-Kumitat Konġunt *Group* H.
- *seminars informattivi* msejħa mis-Segretarjat Parlamentari għall-Informazzjoni u Djalogu Pubbliku, mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali
- mal-Pulizija tad-Distrett Sliema

- *Vice Squad*
- *Criminal Investigation Department*
- *Drug Squad*
- *Traffic Section*
- Rappreżentanti tal-Ministeru għall-Ambjent u Żvilupp Rurali
- Direttorati fi ħdan l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta
- Ditti li joffru servizzi ta' skart separat skont l-iskemi l-ġodda maħruġa mill-Gvern Ċentrali
- Rappreżentanti tal-Wasteserv
- Rappreżentanti ta' l-E.T.C. responsabbli mill-Iskemi ta' Ħidma fil-Komunita'
- Diversi kumpaniji kummerċjali privati
- Diversi għaqdiet lokali u NGOs

Minn din is-sena finanzjarja, uħud mill-impjegati tal-Kunsill Lokali attendew ukoll taħriġ dwar *front office skills* organizzat mill-*Staff Development Unit* fi ħdan is-Segretarjat responsabbli mill-Gvern Lokali.

## c. Rapport ta' Nfieq Finanzjarju.

Il-Kunsill żamm l-'i*standard*' tas-servizzi u anke f'ċertu każijiet tejjibhom. Il-koperazzjoni tal-Gvern Ċentrali għenet fin-nefqa kapitali tal-proġetti nfrastrutturali.

Minn din is-sena finanzjara, l-Gvern Ċentrali trammite tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħareġ struzzjonijiet ġodda dwar l-infiq tal-Kunsill

Lokali tant li ċertu setturi mill-allokazzjoni diretta ġew *capped* ċertu figuri.

Fil-fatt, dan sar fir-rispett ta' manutenzjoni u ndafa ta' toroq fejn l-ammonti ta' €40,447 u €189,490 rispettivament kif indikati mill-istess Dipartiment, riedu bilfors jintużgħaw fuq dawn is-setturi altrementi l-

Kunsill Lokali jkun suġġett għall-penali sakemm ma jingħatax awtoriżazzjoni minn dan id-Dipartiment.

In-nefqa mill-Kunsill Lokali kienet tinkludi fost l-oħrajn

(i) Tindif – circa €127,135.74
(ii) Sinjali w Marki tat-toroq inkluż *parking bays* circa €14,954.45
(iii) Manutenzjoni ta' toroq, bankini u *rubber speed moderators* circa €32,098.31 + *culverts*
(iv) Servizzi Professjonali circa €28,175.91
(v) Ġonna circa €20,187.61
(vi) Dawl circa €2,634.10

## d. Amministrazzjoni tal-Kunsill

Il-Kunsill iħares lejn il-ħidma tiegħu għas-sena April sa Diċembru 2009 bħala waħda sodisfaċenti.

Attendenza għall-laqgħat bejn l-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009.

| | Laqgħat | Preżenti | Skuati | Assenti | Persentaġ ġ |
|---|---|---|---|---|---|
| Chris Bonett | 10 | 10 | 0 | 0 | 100% |
| Dunstan Attard | 10 | 9 | 1 | 0 | 90% |
| Anthony Abela | 10 | 9 | 1 | 0 | 90% |
| Joseph Camilleri | 10 | 9 | 1 | 0 | 90% |
| Malcom Camilleri | 10 | 4 | 6 | 0 | 40% |
| Ian Micallef | 10 | 3 | 7 | 0 | 30% |
| Victor P Rutter | 10 | 7 | 3 | 0 | 70% |

B'eżitu tal-vakanza li nħolqot fil-Kunsill, fit-28 ta' Diċembru 2009, minħabba r-riżenja tal-Viċi-Sindku Dunstan Attard, saret elezzjoni każwali u ġie elett is-Sur Anthony Grech bħala Kunsillier għal din il-lokalita'. Is-Sur Grech mhux wiċċ ġdid għal dan il-kunsill tant, li fil-leġislatura preċedenti serva bħala Kunsillier. Dan ifisser ukoll, li l-Kunsill ried jaħtar Viċi-Sindku ġdid u għalhekk skont il-proċeduri, t-tieni persuna li ġab l-aktar għadd ta' voti mill-Partit Maġġoritarju ta' dan il-Kunsill hu l-persuna li ser ikun qed jassumi din il-kariga. B'hekk, il-Kunsillier Joe Camilleri nħatar Viċi-Sindku sas-sena 2012.

Anke f'dan l-istadju l-Kunsill Lokali, b'eżitu tar-riforma fil-Gvern Lokali ra tibdil, fejn din l-amministrazzjoni minflok sa Marżu 2010 ser tibqa' fil-kariga sa Marżu 2012. Għal din il-leġislatura biss, it-terminu ser

ikun ta' ħames snin għaliex mill-elezzjoni 'l quddiem, it-terminu ta' kull leġislatura mhux ser jkun aktar ta' tliet snin iżda t'erbgħa.

Matul din is-sena finanzjarja, l-Kumitat ta' l-Anzjani organizza ħarġa soċjali kull xahar għall-Anzjani, ntroduċa attivita' kull ħmistax billi

organizza *private* għall-Armier, *Christmas* u *Carnival Party* kif ukoll, ikla tal-Milied f'nhar il-Milied.

Matul l-2009, is-servizzi tal-*Contract Managers* komplew jissaħħu f'kull livell biex jassiguraw li l-flus jintefqu bl-aħjar mod għax barra li x-xogħlijiet kollha saru taħt id-direzzjoni ta' nies speċjalizzati, sar anke l-*cost analysis* meħtieġ u ġew ukoll iċ-ċertifikati minnhom dwar il-kwalita' u *value for money*.

## e. Pjan ta' Ħidma sa Marzu 2012

Kif wieħed setgħa jinnota matul din is-sena ta' ħidma, l-Kunsill kompla għaddej b'impenn kemm fuq dak li kien nbeda jew ġie ppjanat fis-sena preċedenti kif ukoll, f'ċertu oqsma kabbar il-proġetti u kompla b'ħidmiet oħra ta' manutenzjoni fil-lokalita'.

Din is-sena serviet, biex il-Kunsill kompla saħħaħ il-pożizzjoni tiegħu u għalhekk, kompla bil-pjan tiegħu skont ir-responsabbilitajiet mogħtija fil-bidu tal-leġislatura sabiex il-programm intensiv ta' twettiq ta' xogħol setgħa jkompli jiġi eżawrit kif ukoll, fejn kien neċessarju ġew introdotti kunċetti ġodda biex kien possibbli li jittejjeb is-servizz mogħti lill-Komunita' tagħna. Bla dubju, l-ħidma mwettqa matul din is-sena kompliet turi l-impenn serju ta' dan il-Kunsill, mhux biss lejn ir-residenti iżda ukoll, lejn il-Komunita' kummeċjali u kull min jagħmel użu mill-lokalita' tagħna.

Kif spjegat aktar 'l fuq, iż-żieda fit-terminu ta' din il-leġislatura hi riflessa fl-estenzjoni ta' pjan ta' ħidma, tant li ġiet estiża dak li kien pjanjat sa 2010 jiġifieri apparti l-pjan li jiġu *resurfaced* t-Toroq Immakulata Kunċizzjoni, Nicola Cottoner u Samuel Taylor Coleridge, ġew *emarked* li possibiliment jsiru wkoll, Toroq Freres, Vjal de La Salle, Hilderbrand Oakes, Willie Arena, Matteo Pulis, Wied il-Kappara, Ġnien, Kubrit u Cuschieri sa l-aħħar ta' 2012. Dan apparti l-fatt, li kif diġa' aċċennat fl-istess żmien hu ppjanat li ssir Pjazza Gerry Zammit u bankini f'diversi toroq fil-lokalita'.

## f. Għeluq

Il-Kunsill huwa sodisfatt bil-ħidma li għamel matul is-sena finanzjarja April 2009 sa Diċembru 2009 li għalqet bi bilanċ favorevoli.

Kemm fit-titjib li hemm propost fil-politika ġenerali dwar il-Kunsill kif ukoll, fit-tħejjija tad-devoluzzjoni ta' aktar poteri mill-Gvern Ċentrali għall-Kunsill, għandhom iqawwuh biex jaħdem b'aktar impenn.

Fl-aħħarnett, nawguraw li bil-ħidma flimkien mar-residenti, Għaqdiet u l-Komunita' Kummerċjali, l-lokalita' tal-Gżira jkollha Kunsill li jkun laħaq is-suċċess mistenni minnhom.

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv